# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/255/PESK

**tal-14 ta' Mejju 2012**

**li temenda d-Deċiżjoni 2011/427/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fl-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/168/PESK [1] li taħtar lis-Sur Vygaudas USACKAS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea ('RSUE') fl-Afganistan.

(2) Fit-18 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/427/PESK [2] li testendi l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Ġunju 2012. L-ammont ta' referenza finanzjarja previst biex tkun koperta n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE sa dik id-data ġie stabbilit għal EUR 3 560 000. L-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jiżdied sabiex jippermetti għall-ħtiġijiet operattivi addizzjonali tar-RSUE.

(3) Id-Deċiżjoni 2011/427/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5(1) tad-Deċiżjoni 2011/427/PESK għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Settembru 2011 sat-30 ta' Ġunju 2012 għandu jkun ta' EUR 3 860 000.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

---

[1] ĠU L 75, 23.3.2010, p. 22.
[2] ĠU L 188, 19.7.2011, p. 34.